**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Marzu, 2016

Rikors Nru : 284/2012 AL

**A B**
**(KI 28886 M)**

**-vs-**

**Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Sacha Guillaumier b'digriet tad-9 ta' Lulju 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil H S**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi l-attrici u l-konvenut H S izzewgu fil-21 ta' Frar 2002, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';
2. Illi l-kunsens tal-attrici ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b'qerq dwar kwalita` tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. Illi l-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-

drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibbli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
5. Illi ghalhekk z-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;
6. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Talbet ghar-ragunijiet hawn premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fil-21 ta' Frar 2002 liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u b'mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c) (d) u (f) tal-istess Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz taghha eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba biex iz-zwieg bejn il-partijiet datat 21 ta' Frar 2002 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi. Skont ir-rikors guramentat intavolat fl-4 ta' Dicembru 2012, jidher li l-attrici qeghda tibbaza t-talba taghha *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(a), (b), (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenut huwa Sirjan[1] u jinsab assenti minn Malta u ghalhekk kellhom jigu appuntati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-imsemmi assenti, li permezz ta' risposta intavolata fil-11 ta' Marzu 2015, iddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk irrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

**Verzjoni attrici**

L-attrici xehdet permezz ta' affidavit[2] u tghid li ltaqghet mal-konvenut fil-bidu tas-sena 2002 meta kellha sittax-il sena u mill-ewwel bdiet tohrog mieghu. Il-konvenut huwa barrani. Wara xi gimghatejn johrogu flimkien, il-konvenut qalilha li ried jizzewwigha u l-attrici tghid li kienet ghadha zghira u ghalkemm ma kellhiex pjanijiet li tizzewweg, huwa kien jippressaha tant li kien jixtrilha diversi affarijiet biex iccedi. Hija infurmat lil ommha ma' min kienet qeghda tohrog u ommha ma kenitx hadet pjacir, u minkejja il-glied kbir ma' ommha xorta zzewget lill-konvenut dan peress li xtaqet titlaq mid-dar ta' ommha u ma tibqax tghix maghha. Il-konvenut ha hsieb il-preparamenti kollha, senjatament id-dokumenti kollha li kellhom bzonn il-partijiet biex jizzewgu. Il-partijiet izzewgu fi Frar 2002 u mill-ewwel marru joqghodu l-Marsa fejn kien joqghod il-konvenut u ghall-ewwel ftit gimghat il-konvenut kien beda jhalli lill-attrici wahedha, peress li kien johrog ghal hinijiet twal, u ghalhekk l-attrici telqet lura d-dar t'ommha wara tlett xhur. Hi zzid li ma tafx x'sar mill-konvenut ghaliex minn dak in-nhar il-quddiem ma' kellha l-ebda informazzjoni dwar fejn jinsab.

**Verzjoni Konvenut**

[1] Skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg bejn il-partijiet ezebit a fol 3 tal-process
[2] Ezebit a fol 30 tal-process

Illi l-konvenut ma xehedx f'dawn il-proceduri peress li jinsab assenti minn Malta.

**Provi ohra**

Xehdet Tania B[3] li tigi omm l-attrici u tikkonferma li l-attrici kellha biss sittax-il sena meta kienet telqet mid-dar. Hi zzid li l-attrici kellha trobbija difficli u kienet tifla li tirribella hafna. Tghid li kienet haditha bi kbira hafna meta bintha iddecidiet li tizzewweg, izda bintha xorta ghamlet ta' rasha, madanakollu ghal Mejju 2002 l-attrici regghet marret tghix maghha.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar il-21 ta' Frar 2002 u dan kif jirrizutla minn kopja tac-certifikat taz-zweig ezebit a fol 3 tal-process.

L-attrici talbet lill-Qorti biex tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet jigi dikjarat null ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(a),(b),(c),(d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Ligi f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 19(1)(a), (b) u (c) tghid hekk,

*19. (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:*
*(a) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew biża;*
*(b) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun eskluż minħabba żball fuq l-identità tal-parti l-oħra;*
*(ċ) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;*

Lill-Qorti ma jirrizultalhiex sal-grad rikjest mill-Ligi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null minhabba s-subartikoli fuq citati.

---

[3] Affidavit ezebit a fol 33 tal-process

Illi l-Qorti ser tghaddi biex tezamina t-talbiet ta' l-attrici abbazi ta' l-Artikolu 19 (1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u abbazi ta' l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li z-zwieg jista' jigi dikjarat null kemm il-darba, "*il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;*"

Illi l-Artikolu 19(1)(d) ighid li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew minhabba li l-partijiet kellhom anomalija psikologika serja, kienu inkapaci illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. Din il-Qorti thoss li mill-affidavit ta' l-attrici u dak ta' ommha, li huma l-unika prova li tressqet, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg b'mod mghaggel, minghajr ma verament kienu jafu lil xulxin.

B'mod partikolari, jirrizulta li l-attrici kienet ghadha zghira hafna meta dahlet fiz-zwieg, u il-Qorti qeghda tiddeduci li kienet vulnerabbli hafna, iktar u iktar meta ibbazat id-decizjoni taghha li tizzewweg lill-konvenut fuq il-fatt biss li riedet titlaq mid-dar t'ommha.

Min-naha tieghu, l-konvenut ukoll ma dahalx fiz-zwieg biex jidhol ghad-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga u dan peress li huwa kien ihalli lill-attrici wahedha ghal hafna hin, tant li l-attrici irritornat lura d-dar t'ommha fi zmien tlett xhur miz-zwieg.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet *Atkins Charles Vs Atkins Matilde*[4] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi ppruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

---

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

"*Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*".

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet *Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph*[5] *"Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga".*

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument tal-kunsens, il-partijiet hadu din id-decizjoni b'mod mghaggel. Dan peress li meta l-attrici dahlet ghaz-zwieg, apparti li kienet ghadha zghira fl-eta u kienet nieqsa minn certa' maturita' li persuna jrid ikollha biex tixtarr decizjoni bhal din, hija dahlet ghaz-zwieg bl-intenzjoni li titlaq mid-dar t'ommha. Il-konvenut min-naha l-ohra dahal fiz-zwieg izda ma ghex il-hajja mizzewga u dan peress li kien ihalli lill-attrici wahedha ghal hin twil, b'dan li ma kenitx tkun taf fejn jinsab. Ghalhekk il-Qorti rat li l-attrici irnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-kunsens tal-partijiet kien

---

[5] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

wiehed nieqes mid-diskrezzjoni mehtiega biex wiehed jifhem x'inhuma d-drittiet u d-dmirijiet taz-zwieg.

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 19(1)(f) jghid li zwieg jista' jigi dikjarat null, *"jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;"*

Illi ghalhekk l-Qorti ser tezamina jekk iz-zwieg in dizamina huwiex null ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Biex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest irid necessarjament jigi pruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Hawnhekk il-Qorti ser taghmel referenza ghal gurisprudenza varja. Fl-ewwel lok fil-kaz *Atkins Charles vs Atkins Matilde deciza nhar it-2 t'Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili,* l-Qorti qalet hekk :

*"Rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu".*

Fl-istess kaz, il-Qorti zzid hekk :

*"Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi wahda biss jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta' lejn il-parti l-ohra."*

Il-Qorti thoss li l-konvenut ma tax l-importanza li jisthoqq lill-konvivenza matrimonjali. Dan peress li jirrizulta li l-konvenut, waqt iz-zwieg, kien ihalli lill-attrici ghal hafna hin wahedha, b'dan li kien jinjoraha, liema

sitwazzjoni tant saret insopportabbli ghall-attrici li hija kellha titlaq mid-dar matrimonjali, u dan ghamlitu biss tlett xhur wara iz-zwieg.

Min-naha l-ohra, ma jirrizultax li l-konvenut ipprova jirranga s-sitwazzjoni biex isalva z-zwieg u dan peress li ladarba l-attrici telqet mid-dar hu ma regax ikkomunika maghha. Tant li l-attrici tilfet kull tracca tieghu.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li dan iz-zwieg huwa null ai termini ta' l-Artikoli 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, minhabba li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirjiet essenzjali taghha u kif ukoll peress li l-konvenut eskluda wahda jew aktar mill-elementi essenzjali ghall-hajja mizzewga u ghalhekk it-talba attrici jisthoqqilha li tigi milqugha.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-attrici u tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fl-21 ta' Frar 2002 u registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru t'iskrizzjoni 124/2002 bhala null u bla effett fil-ligi *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u sussegwentement tawtorizza lill-attrici tirregistra fir-Registru Pubbliku din is-sentenza wara li ssir *res judicata*.

Bl-ispejjez jithallsu kwantu ghal terz (1/3) mill-attrici u zewg terzi (2/3) mill-konvenut.